**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 61/2020 RM**

**Antonia k/a Tania Calleja** (KI 967M)

**Paul Calleja** (KI 384861M)

**Lucianne Schembri** (KI 568892M)

**Elaine Calleja** (KI 291196M) **u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2022 ġie ordnat il-korrezzjoni tal-kunjom 'Calleja' biex minflok, dan jiġi jaqra 'Carabott'**

**-Vs-**

**Melanie Calleja**

(K.I. 291096M)

**Illum, 10 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-atturi fir-Reġistru fit-18 ta' Mejju 2020 fejn talbu illi prevja dikjarazzjoni li l-istqarrijiet ippubblikati kemm fuq is-sit elettroniku ONE News datat 23 ta' Frar tas-sena 2020 kemm permezz ta' video, u kemm permezz tal-kitba intitolata "*Spiċċajt f'sitwazzjoni li jew nitlaq jew nitlef ħajti – bint*" (Dok. A) u anke dik misjuba fuq is-sit elettroniku Lovin Malta datata 13 ta' Frar tas-sena 2020 intitolata "*Not all Domestic Violence is by men ... My Mother beat me so much I ran away from home*", huma libellużi u malafamanti fil-konfront tagħhom stante illi

jikkontjenu stqarrijiet foloz u malafamanti bl-iskop uniku illi jnaqqsu jew itellfu r-reputazzjoni tar-rikorrenti u konsegwentement tkun ikkundannata li thallas lir-rikorrenti s-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni kemm morali u kemm reali ai termini tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Melanie Calleja fit-22 ta' Ġunju 2020 fejn ġie eċċepit:-

"*1. Qabel xejn, l-esponenti tindika illi fl-20 ta' Marzu 2020 hija fetħet kawża fuq l-istess mertu lir-rikorrenti ta' din il-kawża, cioe ommha Antonia, missierha Paul u ħutha Lucianne u Elaine, liema kawża hija appuntata għas-7 t'Ottubru fl-10:15 u ġġib in-numru 39/2020 u għaldaqstant il-kawżi għandhom jinstemaw flimkien.*

*2. L-intimat (rikorrenti f'din il-kawża) ingħataw id-dritt li jirrispondu għat-talba tal-esponenti, kif filfatt għamlu fl-20 ta' Mejju 2020 u għalhekk huwa ċar illi l-kawża preżenti hija waħda frivola billi nfetħet biss għal-kawza numru 39/2020.*

*3. L-istqarrijiet ippublikati hekk kif deskritti fl-Avviz m'humiex foloz jekk malafamanti u prova ta' dan diga' kienet preżentata mal-Avviż 39/2020 (ara Dok Ċ u D preżentati mal-Avviż 39/2020). u se tkompli tinġieb fl-istadju tal-provi ta' l-istess kawża*

*4. Kienu ir-rikkorenti li b'diversi kummenti u permezz ta' intervista ippublikata kemm fuq is-sit elettroniku ta' One (Dok B tal-kawża 39/2020), kif ukoll permezz ta' video fuq Youtube* (https:/www.youtube.com/watch?v=sfPvNIpZVrk) *(Dok R1) li għamlu dikjarazzjonijiet totalment infondati u invertieri u malafamanti fil-konfront tal- esponenti u għalhekk l-ebda ammont ma huwa dout in linea ta' danni mill-esponenti*

*5. Fl-aħħar lok jingħad illi it-talba tar-rikkorenti hija mill-bqija infondata mil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezjonijiet ulterjuri"*

Rat illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru 2020, ġie deċiż li l-azzjoni ma tistax tiġi riżolta permezz ta' medjazzjoni u ġie ordnat li l-kawża tissokta bis-smigħ tal-provi;

Rat id-digriet ukoll mogħti fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2020 fejn ġie ordnat illi l-provi fil-kawża Rikors Numru 39/2020 jgħoddu bħala prova fil-kawża odjerna;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Rat id-digriet tagħha mogħti fit-18 ta' Settembru u d-digriet tas-17 ta' Ottubru 2024 fejn estendiet it-terminu mogħti lill-atturi biex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentat fit-18 ta' Novembru 2024;

Rat in-nota tal-konvenuta ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2024, ukoll kif awtorizzat;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama, speċifikatament libell, minħabba żewġ stqarrijiet allegatament diffamatorji li saru mill-konvenuta, Melanie Calleja, waħda ippubblikata fuq is-sit elettroniku ta' One News datat 23 ta' Frar 2020 intitolat "*'Spiċċjat f'sitwazzjoni li jew nitlaq jew nitlef ħajti' – bint*", u l-oħra ippubblikata fuq is-sit elettroniku Lovin Malta fit-13 ta' Frar 2020 intitolata "*Not all Domestic Violence is by Men … My mother bear me so much I ran away from home*".

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-artikolu li ġie pubblikat fuq 'Gwida' fit-13 ta' Frar 2020 m'huwiex impunjat mill-atturi fir-Rikors promtur bħala waħda mill-pubblikazzjonijiet malafamanti. It-talba fir-Rikors hija għall-impunjazzjoni bħala diffamatorji ta' żewġ pubblikazzjonijiet biss, dawk li saru fuq is-siti elettroniċi ta' Lovin Malta u One News rispettivament, mingħajr ma sar ebda riferenza għal xi pubblikazzjoni oħra. Għaldaqstant, billi l-Qorti ma tistax tiġġudika dwar xi malafama li m'hijiex fil-mira tal-azzjoni, m'hijiex sejra tieħu konjizzjoni tal-pubblikazzjoni immarkata Dok. LS9 fl-istħarriġ tagħha u lanqas – għall-istess raġunijiet – m'hi sejra tieħu konjizzjoni tal-pubblikazzjoni ta' diversi *posts* fuq il-profil fuq Facebook ta' Melanie Calleja (Dok. LS10) liema pubblikazzjonijiet l-attriċi Lucianne Schembri, fix-xhieda tagħha, saħqet li saru "*b'attakk sfrenat kontrina, fejn* (Melanie Calleja) *uriet biċ-ċar li l-għan tagħha huwa li tikseb popolarita' u li tħammiġna…*"[1]

Ikkunsidrat;

**L-artikolu li ġie pubblikat fuq is-sit elettroniku ta' Lovin Malta fit-13 ta' Frar 2020** ġie esebit kopja stampata tiegħu mill-attriċi Lucianne Schembri fix-xhieda tagħha (Dok. LS7)[2]. Il-provi juru illi f'dan l-artikolu, l-intervistata u l-allegat vittma tal-vjolenza domestika, Melanie Calleja, baqgħet anonima u l-artikolu ma jidentifikax lanqas lil ommha Antonia Calleja, l-allegat awtriċi tal-vjolenza domestika. L-atturi l-oħra, missier u ħut il-konvenuta, Paul Calleja, Elaine Calleja u Lucianne Schembri, ukoll m'humiex identifikati.

Fl-artikolu ippubblikat fuq lovinmalta.com (Dok. LS7), li ffoka fuq l-aspett tal-vjolenza domestika li titwettaq minn ġenitur fuq il-wild, l-intervistata, filwaqt li qassmet il-ħsibijiet tagħha b'mod ġenerali dwar is-soġġett tal-vjolenza domestika, tat pariri lil min għaddej mill-istess xorta ta' abbuż u fissret l-effetti li ħalliet fuqha l-vjolenza domestika li sofriet matul tfulitha sakemm telqet mid-dar tal-ġenituri tagħha.

[1] Xhieda ta' Lucianne Schembri, 7 ta' Lulju 2022.
[2] Ara paġni 142 sa 147 tal-atti tal-kawża.

Tallega speċifikatament li ommha kienet issawwatha kull meta xi ħaġa ma kienetx tmur skont il-pjan. Iddikjarat ukoll li għamlet tfulitha u żgħożitha taħbi t-tbenġil li kienet tikkaġunalha ommha, tevita l-kuntatt man-nies u tistaqsi l-għaliex ommha dejjem irrabjata. B'mod speċifiku, allegat li meta semgħet lil ommha tgħajjat lil oħtha biex joqtluha, irrejalizzat li postha ma kienx għadu fid-dar tal-familja tagħha. Allegat ukoll li ħutha kienu imbarazzati b'dak li kien qed jiġri fid-dar u kienu jaħbu dak li kienet tagħmel ommhom u qalet ukoll li ommha kienet theddidhom li ma kienet ser tħallilhom xejn fil-wirt. Fir-rigward ta' missierha, qalet li ma kienx jieħu rwol attiv fid-dar u qatt ma għamel xejn dwar il-problema. Iddikjarat ukoll li r-relazzjoni ma' ommha, missierha u ħutha llum m'hijiex daqshekk tajba u "*There are days where I cry and wish I could hug a mother, a father or a sister.*"

Għandu jingħad illi l-identifikazzjoni tal-persuna aggravata hi kundizzjoni essenzjali għall-azzjonabbilita' tal-malafama għaliex jekk il-persuna aggravata m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni, ma tistax titqies li sofriet ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li ġiet malafamata b'effett ta' dik il-pubblikazzjoni, u tiġi b'hekk teskluża l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni b'effett tal-pubblikazzjoni impunjata.

Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-

"*A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant.*"[3]

Ukoll:-

---

[3]. Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins Q.C. (Oxford University Press, 2014), 5.03, p. 106.

"*A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that the or she was the person referred to.*"[4]

Fir-rigward, Gatley jgħid hekk:-

"*Where the libel does not ex facie refer to the claimant, ... extrinsic evidence must be given to connect the libel with the claimant.* ***The test of reference remains an objective one: whether on the evidence, <u>an ordinary reasonable person</u> would draw the inference that the words referred to the claimant***"[5] (enfasi tal-Qorti)

Fejn għalhekk, il-persuna aggravata m'hijiex identifikata b'ebda mod mill-pubblikazzjoni nnifisha, hi essenzjali għall-azzjonabilita' tal-malafama il-prova li persuna ordinarja u raġjonevoli setgħet tidentifika lill-persuna aggravata bħala l-persuna li qed issir referenza għaliha fil-pubblikazzjoni.

L-atturi jisħqu li għalkemm huwa minnu li l-artikolu pubblikat fuq www.lovinmalta.com ma jsemmix ismijiet u ma jidentifikax l-allegat vittma u lanqas il-familja tagħha, huma ġew identifikati bħala l-familja tal-allegat vittma tal-abbuż domestiku fl-istess artikolu, permezz tal-pubblikazzjoni li saret mill-konvenuta fuq il-profil tagħha fuq Facebook[6], intitolat *"..and this is my story!"*, għaliex din il-pubblikazzjoni tagħmel riferenza għall-artikolu intestat '*Not All Domestic Violence is By Men … My Mother Beat Me So Much I Ran Aw…*" ippubblikat fuq is-sit elettroniku www.lovinmalta.com. Il-Qorti fehmet illi l-*post* tal-konvenuta fuq Facebook ipprovda *link* għall-artikolu pubblikat fuq is-sit elettroniku ta' Lovin Malta fejn il-qarrej tal-*post* tal-konvenuta seta' b'hekk jikseb aċċess dirett għall-artikolu tat-13 ta' Frar 2020 u jidentifika lill-konvenuta bħala l-vittma tal-vjolenza domestika. L-atturi jisħqu wkoll li huma ġew identifikati b'hekk bħala l-ġenituri u ħut Melanie

[4] Collins *ibid.*, 5.01, p. 105.
[5] Gatley, Second supplement to the 12th edition, ibid. 7.3, p. 66
[6] Screenshot Dok. LS8.

Calleja, il-vittma tal-vjolenza domestika, u għalhekk, l-allegazzjonijiet malafamanti dwar vjolenza domestika huma evidentement indirizzati fil-konfront tal-familja tagħhom.

Il-Qorti taqbel. Stabbilit li permezz tal-pubblikazzjoni tal-isem u ta' ritratt tal-wiċċ ta' Melanie Calleja fuq il-paġna tagħha fuq Facebook, l-identita' tal-persuna li għamlet l-allegazzjonijiet allegatament malafamanti fl-artikolu anonimu ippubblikat fuq www.lovinmalta.com fit-13 ta' Frar 2020, ġiet żvelata, u billi l-allegazzjonijiet dwar vjolenza domestika jikkonċernaw lil ħadd ħlief ommha u per konsegwenza, lil missierha u ħutha li kienu jgħixu fl-istess dar bħala familja waħda, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar l-identita' tal-familja Calleja. Huwa immaterjali l-fatt li ħadd mill-qarrejja tal-pubblikazzjoni malafamanti fuq www.lovinmalta.com ma jaf min hi lill-konvenuta Melanie Calleja u wisq inqas ma jaf lill-familja tagħha, għaliex il-fatt innifsu li l-attriċi identifikat ruħha b'isimha u b'ritratt ta' wiċċha bħala l-vittma tal-vjolenza domestika mwettqa minn ommha, b'link dirett għall-pubblikazzjoni anonima fuq www.lovinmalta.com, ifisser li identifikat ukoll lill-istess ommha u konsegwentement, lill-familja tagħha.

Il-legam tal-familja huwa uniku u mill-provi hu stabbilit ukoll illi huma l-atturi biss u ħadd iktar, l-omm, missier u ħut il-konvenuta. Konsegwentement, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-aċċess dirett mill-pubblikazzjoni tal-konvenuta fuq Facebook għall-artikolu fuq www.lovinmalta.com jipprovdi mezz innegabbli għall-identifikazzjoni speċifika tal-omm u l-familja ta' Melanie Calleja, tant illi ma jista' jkun l-ebda dubju li l-pubblikazzjoni fuq www.lovinmalta.com hija dwar u jikkonċerna lill-atturi[7].

---

[7] In propositu, tajjeb li ssir referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema (South Australia) fil-każ **Pryke v Advertiser Newspapers Ltd**[7], fejn ġie ritenut illi f'żewġ artikoli malafamanti dwar "*the commissioners of the Industrial Relations Commission*" (South Australia), l-erba' kummissarji lkoll kienu raġjonevolment identifikati, minkejja li l-kummissarji partikolari li dwarhom l-artikoli kienu jittrattaw, ma kienux identifikati b'isimhom. Ara wkoll sentenza iktar reċenti tal-Qorti Suprema fil-każ **Christiansen v Fairfax Media Publications Pty Ltd** [2012] NSWSC 1258, fejn il-Qorti sabet li artikolu f'ġurnal li ppubblika stqarrijiet malafamanti dwar il-managers ta' casino, kelli jitqies bħala diffamatorju fil-konfront tal-managers kollha, għaliex l-istqarrijiet ħolqu suspetti dwarhom ilkoll.

Ikkunsidrat;

**L-artikolu pubblikat fuq is-sit elettroniku www.onenews.com.mt fit-23 ta' Frar 2020** (Dok. A[8]) huwa dwar intervista li saret lil Melanie Calleja, ukoll impunjat f'din il-kawża, mhemmx dubju li l-atturi, għall-istess raġunijiet appena kkunsidrati, huma identifikati fl-istess artikolu permezz tal-identifikazzjoni tal-konvenuta b'isimha u b'ritratt prominenti ta' wiċċha, fejn hija tagħmel allegazzjonijiet dwar vjolenza domestika fil-qalba tal-familja tagħha, ipperpetrat minn ommha.

F'din it-tieni pubblikazzjoni, l-attriċi essenzjalment iddeskriviet l-ambjent ta' biża' li kien jirrenja fid-dar t'ommha, il-forom differenti tal-abbuż li kienet issofri u l-irqaqat tas-swat li kienet qalgħet mingħand ommha waqt l-inċident li wassalha biex titlaq mid-dar. Ippuntwalizzat li l-abbuż domestiku ma jieqafx neċessarjament meta l-vittma titlaq mid-dar fejn ikun qed iseħħ dak l-abbuż, u saħqet ukoll li wara l-vjolenza mhux neċessarjament ikun hemm id ta' raġel.

Fl-intervista, Melanie Calleja qalet "... *minn eta' żgħira kienet suġġetta għal bosta forom ta' abbuż minn ommha. ... swat li kienet taqla' ... ikollok xi tbenġila jew xi daqqa ... Tgħid li pprovat tgħin lil ommha u fittxitilha l-għajnuna ta' bosta professjonisti. Iżda kollu għalxejn għax ma bdietx turi r-rieda li tinbidel. Qalet li minħabba l-vjolenza hi u ħutha kienu jibżgħu minn ommhom. ... Madwar erba' snin ilu s-swat sar insapportabbli u saħanistra semgħet lil ommha tħeġġeġ lil oħtha biex joqtluha. Is-swat li qalgħet kien kbir u rrakkontat kif kienet saħansitra ġibditilha xagħarha u mmarkatilha ġisimha bis-swat b'lasta ta' xkupa. ... Hija qalet: "Ma kontx naf hux se nagħmilha, jekk hux ser noħroġ ħajja jew mejta minn ġo dik id-dar, b'xi mod imma kont naf li rrid noħroġ minn hemm*".

L-attriċi xehdet li hija aċċettat li tiġi intervistata għaliex dak iż-żmien kien għadu kif seħħ il-qtil ta' Chantelle Chetcuti, liema każ kien xpruna fiha x-xewqa li toħloq iktar għarfien fis-soċjeta' dwar il-problema tal-vjolenza domestika billi tqassam l-

[8] Mehmuż mar-Rikors promotur.

esperjenza tagħha, tkun ta' għajnuna u appoġġ għal min seta' kien għaddej mill-istess proble u tħeġġeġ lill-vittmi li jiftħu qalbhom dwar l-abbuż u biex ma jaqtgħux qalbhom. Sosniet ukoll illi ma kellha ebda diffikolta' biex tissemma b'isimha u b'ritratt tagħha fil-pubblikazzjoni tal-intervista għaliex filwaqt li ma kienx l-intenzjoni tagħha tnaqqas il-ġieħ tal-familja tagħha, riedet fuq kollox tikkontribwixxi għad-dibattitu dwar vjolenza domestika.

In segwitu għall-pubblikazzjoni tal-intervista, il-konvenuti, ċioe' ommha u missierha flimkien ma' ħutha, irrejaġixxew billi ħejjew stqarrija ta' ċaħda li ġiet ippubblikata fuq is-sit elettroniku www.onenews.com.mt fil-25 ta' Frar 2020, fejn saħqu li qatt ma saret ebda vjolenza fid-dar u kulħadd kien jgħix kuntent f'ambjent ta' imħabba u rispett u jinsabu mweġġgħin ħafna bl-aġir ta' Melanie fil-konfront tagħhom fejn "*spiċċaw vittmi tagħha*".

F'din l-istqarrija, il-familja Calleja sostnew li Melanie minn dejjem kellha karattru diffiċli u ribelluża, li teħodha kontra kull min jipprova jiftħilha għajnejha, inkluż kontra tagħhom bħalma għamlet meta pprovaw jagħtuha għajnuna professjonali għall-istat mentali tagħha, liema għajnuna hi kienet irrifjutatu. B'mod speċifiku, missierha stqarr li Melanie irribellat kontrihom u wriet ħafna mibgħeda lejhom minkejja li hu u martu kienu għamlu sagrifiċċji kbar għaliha u għal uliedhom l-oħra biex tawhom edukazzjoni sħiħa. Oħtha tewmija, il-konvenuta Elaine Calleja stqarret speċifikatament illi kellha tgħaddi minn ħafna sitwazzjonijiet imbarazzanti minħabba oħtha fosthom xenati li kienet tagħmel "*biex tiġbed l-attenzjoni biex tasal għall-intenzjonijiet qarrieqa tagħha*".

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti trid tibda biex tiddetermina l-imputazzjonjiet li jitnisslu mill-istqarrijiet impunjati mill-atturi u jekk dawn humiex malafamanti. L-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), jiddisponi li biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid

jiġi ppruvat mill-persuna aggravata li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

Il-Qorti tqis b'mod ġenerali illi l-pubblikazzjoni ta' stejjer fejn isiru allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika f'kuntest ta' relazzjoni bejn ġenitur u wild fejn l-awtur tal-vjolenza jiġi identifikat, anke indirettament tramite l-identifikazzjoni tal-vittma u r-relazzjoni tagħha mal-awtur, hija għażla infeliċi ferm. Għad illi l-materja tal-vjolenza domestika hija ta' interess pubbliku ġenerali u qatt ma jonqos il-bżonn li jiżdied l-għarfien fis-soċjeta' dwar ir-realta' ta' din ix-xorta ta' abbuż, biex il-vittmi jiġu mħeġġa biex jirrapportaw u biex ma jaqtgħux qalbhom, l-identifikazzjoni tal-awtur tal-vjolenza domestika u l-iżvelar ta' fatti oħrajn li ma jagħtu ebda kontribut reali lill-element ta' interess pubbliku tal-artikolu jew jagħmlu jew jistgħu potenzjalment jagħmlu ħsara, joħolqu biss diffikoltajiet u weġgħat bla bżonn xi kultant sempliċement biex jiġi sodisfatt il-bżonn ta' sensazzjonaliżmu. Madankollu, il-fatt li l-pubblikazzjoni fl-intier tagħha jew f'parti minnha tista' ma tkunx dwar materja ta' interess pubbliku u l-fatt li d-deċiżjoni li jiġi pubblikat artikolu bħal dak (jew l-għażla tal-kontenut tiegħu) jista' jkun waħda ferm infeliċi, ma jfissirx neċessarjament li l-pubblikazzjoni hija malafamanti.

Il-Qorti tħoss li għandha tibda biex tippuntwalizza li l-azzjoni għal malafama hija l-istrument legali għad-difiża tar-reputazzjoni li tipprovdi rimedju f'danni għall-ħsara lir-reputazzjoni. L-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jsir f'azzjoni bħal din huwa maħsub għad-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrija impunjata fihiex imputazzjoni diffamatorja li kkaġunat jew fihiex il-propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata u fl-affermattiv, il-likwidazzjoni tad-danni, u xejn iktar minn hekk. Tabilħaqq l-iskop tal-azzjoni tal-malafama huwa l-għoti ta' rimedju f'danni lill-persuna aggravata għall-ħsara li tkun ġiet ikkaġunata lir-reputazzjoni tagħha b'riżultat tal-pubblikazzjoni diffamatorja. M'huwiex apert lill-attur li jitlob rimedji oħrajn - apparti l-ħlas ta' danni - li m'humiex maħsuba espressament mil-liġi bħala rimedju f'azzjoni għal malafama. Fuq kollox, l-azzjoni m'hijiex intiża biex jiġu korreġuti stqarrijiet li jkunu foloz jew mhux fattwalment korretti jew akkurati, u

m'huwiex kompitu tal-Qorti f'azzjoni għal malafama li tiddeċiedi jekk dak li jkun kiteb il-pubblikatur huwiex korrett, jekk kellux jinkludi materjal addizzjonali jew jekk kellux jiġi mitkub bl-użu ta' kliem differenti minn dawk attwalment użati fid-dikjarazzjoni impunjata[9].

Jingħad ukoll li s-sodisfazzjon personali tal-persuna aggravata u l-użu tal-azzjoni għal malafama bħala għodda biex tiġi impunjata xi stqarrija li ma saritx skont il-gosti u esiġenzi tal-persuna aggravata, huma mottivi li jmorru lil hinn mill-għan tal-azzjoni għal malafama li m'hijiex intiża lanqas biex jiġi deċiż li l-istqarrija impunjata hija falza[10]. Filwaqt li, kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falzita' ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, għandu jiġi ppreċiżat li mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata u li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

Għandu jingħad ukoll li l-fatt li l-persuna aggravata tkun ħassitha offiża b'xi stqarrija li ġiet ippubblikata m'huwiex rilevanti għas-suċċess tal-azzjoni għal malafama, jekk dik l-istqarrija ma ssarrafx ukoll fi ħsara serja lir-reputazzjoni, fejn ir-reputazzjoni titkejjel skont l-istima li għandhom persuni oħrajn lejn il-persuna aggravata, u mhux skont dak li taħseb dwarha nnifisha l-istess persuna aggravata.

Illi kif rajna diġa', biex l-azzjoni għal malafama tirnexxi, il-persuna aggravata għandha qabel xejn tipprova illi l-imputazzjonijiet imnissla mill-istqarrijiet impunjati, huma diffamatorji fir-rigward tagħha. Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, stipolat mill-artikolu 3(4) tal-

---

[9] F'kull każ "*It is no part of the court's function to penalise a defendant for sloppy journalism – still less for tastelessness of style" :* **Turcu v News Group Newspapers Ltd** [2005 EWHC 799 (QB) [105] and [111] per Eady J.

[10] Anke fil-każ fejn l-unika difiża hija l-verita', deċiżjoni favur il-persuna aggravata ma jfissirx li l-istqarrija impunjata tkun ġiet dikjarata li hija falza, iżda tammonta għal dikjarazzjoni li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-istqarrija hija l-verita'.

Att dwar il-Midja u l-Malafama, hu fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama u l-Att jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248) u dan sabiex jitkompla jissaħħaħ u jiġi mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Illi bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja (u telf finanzjarju serju fil-każ ta' korp li jopera għal profitt) għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni jew il-potenzjalita' ta' impatt bħal dak**. Għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit <u>biss</u> b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[11].

Skont Duncan and Neil, 'On Defamation', "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[12]

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova li l-imputazzjoni mnissla mill-istqarrija, fihiex tifsira inerentement diffamatorja, u fl-affermattiv, jekk il-pubblikazzjoni kellhiex impatt jew tendenza ta' ħsara.

---

[11] *Ibid*. para. 21 tad-deċiżjoni.

[12] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid.* para. 4.13, page 35/36.

**Illi l-imputazzjoni li toħroġ minn qari sempliċi tal-pubblikazzjonijiet impunjati fl-intier tagħhom hija manifesta: Antonia Calleja kienet tuża l-vjolenza fuq bintha l-konvenuta Melanie Calleja billi kienet issawwatha sistematikament matul tfulitha u żgħożitha, tant illi bintha kellha titlaq mid-dar minħabba l-vjolenza domestika u qatt ma marret lura.**

Id-dikjarazzjonijiet li saru mill-konvenuta fiż-żewġ pubblikazzjonijiet impunjati dwar episodji separati tal-vjolenza domestika mwettaq minn ommha, huma biss manifestazzjonijiet separati tal-imputazzjoni ġenerali li titnissel minn kull waħda mill-pubblikazzjonijiet impunjati.

Indubbjament l-imputazzjoni ta' vjolenza domestika hija waħda ferm gravi għaliex filwaqt li b'mod ġenerali kull forma ta' vjolenza hija kundannabbli, l-użu sistematiku ta' vjolenza fiżika minn ġenitur fuq il-wild minorenni, huwa wieħed mill-iktar manifestazzjonijiet ta' stmerrija tal-vjolenza domestika. Għalhekk, l-imputazzjoni li l-attriċi Antonia Calleja hija l-awtur ta' vjolenza domestika, indubbjament għandha tifsira malafamanti għaliex hija akkuża serja li tattakka l-karattru morali tal-attriċi u taddebitalha kondotta ħażina, illegali u ta' stmerrija li tabilħaqq tikkostitwixxi reat kriminali konsistenti fi swat li kkaġuna offiżi fuq il-ġisem u s-saħħa mentali ta' persuna oħra: reat li huwa mhux biss punibbli bil-priġunerija iżda huwa wkoll aggravat għaliex qed jiġi allegat li ġie imwettaq fuq dixxendent.

Illi huwa ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza in materja illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[13], imputazzjoni li l-persuna aggravata hija "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper*

[13] 6.10 p. 117.

*motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[14], jew hija inkompetenti jew ta' kondotta ħażina, għandha tifsira malafamanti.[15]

In kwantu, imbagħad, il-prova dwar l-impatt ta' ħsara sejra li l-imputazzjonijiet diffamatorji ikkaġunaw jew jistgħu potenzjalment jikkaġunaw, il-Qorti kkunsidrat illi l-istqarrijiet impunjati ġew ippubblikati fuq mezz ta' mass midja, ċioe' fuq żewġ *news portals* elettroniċi fejn teżisti presunzjoni ta' pubblikazzjoni estensiva fost firxa wiesa' ta' qarrejja, *multo magis* meta l-pubblikazzjonijiet jittrattaw materja tant sensittiva u xokkanti bħalma hija l-vjolenza domestika minn ġenitur fuq il-wild minuri. Kemm hu hekk, l-atturi ressqu prova ta' mijiet ta' messaġġi b'appoġġ lil Melanie Calleja li ġew ippubblikati mill-qarrejja tal-artikolu b'rejazzjoni għall-artikoli pubblikati fuq is-siti elettroniċi rispettivi[16] li juri li l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenuta fil-pubblikazzjonijet, ġew moqrija u emmnuti minn numru sostanzjali ta' persuni.

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as* ***the nature and the inherent gravity of the allegation****,* ***whether the publication was oral or written****, the status and* ***the number of publishees and whether the allegations were believed****, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transience of the publication.*"[17]

**Dan kollu magħdud huwa biżżejjed fil-fehma tal-Qorti biex jissodisfa r-rekwiżit tal-prova ta' impatt ta' ħsara sejra lir-reputazzjoni tal-attriċi Antonia Calleja bil-pubblikazzjoni tal-istqarrija tal-konvenuti.**

---

[14] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".
[15] **Clarke (t/a Elumina Iberica UK) v Bain** *ibid.*
[16] Dok. EC6 u Dok. EC7.
[17] Gatley on Libel and Slander (2013 Ed.) 2.4, pg. 39. Enfasi tal-Qorti.

Illi dan stabbilit, iżda, il-Qorti, ma identifikat ebda imputazzjoni li għandha tifsira malafamanti li saret fir-rigward tal-atturi l-oħrajn, ċioe' Paul Calleja, Lucianne Schembri u Elaine Carabott, jew xi wieħed jew waħda minnhom, u dan f'ebda waħda miż-żewġ pubblikazzjonijiet impunjati meta moqrija fl-intier tagħhom. L-unika imputazzjoni malafamanti riskontrat mill-Qorti hija dik dwar il-vjolenza domestika li kienet titwettaq minn omm il-konvenuta, Antonia Calleja, ad esklużjoni ta' xi ħaddieħor mill-membri tal-familja tagħha, atturi f'din il-kawża.

L-atturi jisħqu illi fost l-istqarrijiet inveritieri u malafamanti fil-pubblikazzjoni fuq www.lovinmalta.com hemm id-dikjarazzjoni tal-konvenuta li kienet tevita "… *any form of connection with people*". Madanakolllu, huwa evidenti li din hija stqarrija li tirriferi għal dak li kienet tagħmel Melanie mhux xi ħadd minn ħutha. Anke jekk kellu jiġi aċċettat li din l-istqarrija timplika li bħala effett tal-vjolenza dometika imwettqa fil-konfront tagħha, Melanie xtaqet tevita jew attwalment evitat kull forma ta' konnessjoni ma' persuni oħrajn, dan ma tista' titqies bħala malafamanti għal xi ħadd mill-atturi ħlief bħala manifestazzjoni oħra tal-allegazzjoni li kienet il-vittma ta' vjolenza domestika imwettqa minn ommha u minn ommha biss. L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll għall-istqarrijiet oħrajn identifikati speċifikatament minn Lucianne Schembri fix-xhieda tagħha, fosthom: *"my mother used to threaten me to leave us out of her will*", "*why was mum always enraged at everything?*". Dawn l-allegazzjonijiet m'humiex indirizzati fil-konfront ta' ħutha jew missierha u għalhekk ma jistgħu qatt jitqiesu bħala diffamatorji fil-konfront tagħhom.

Anke safejn għandhom x'jaqsmu l-allegazzjonijiet li l-konvenuta u ħutha kienu jibżgħu minn ommhom[18], u li missier il-konvenuta, Paul Calleja, ma kellux sehem f'dak li kien iseħħ fid-dar u kien jibqa' passiv, dawn ma jaddebitaw ebda imġieba illegali jew diżonest jew xi kondotta ta' xort'oħra ħażina lil Lucianne Schembri, Elaine Calleja u Paul Calleja, anke jekk tassew missier u ħut il-konvenuta setgħu ħassewhom imbarazzati u offiżi b'dawn l-istqarrijiet, u irispettivament jekk dawn humiex veritieri jew foloz.

---

[18] Dok. A – artikolu pubblikat fuq one.com.mt.

In kwantu l-allegazzjoni fl-artikolu pubblikat fuq www.lovinmalta.com "*there are days when I would cry and wish I could hug a mother, a father or a sister*", għalkemm din tista' raġjonolvment tinftiehem li l-konvenuta m'għandhiex relazzjoni tajba mal-ġenituri tagħha u ma' ħutha – li huwa minnu kif jirriżulta b'mod evidenti mill-provi akkwiżiti fil-kawża – allegazzjoni bħal din ma tistax titqies bħala malafamanti għaliex filwaqt li l-kliem infushom ma fihom tifsira inerentement malafamanti, lanqas ma timputa din l-allegazzjoni xi kondotta ħażina, immorali jew illegali lill-ġenituri u lil ħut il-konvenuta.

Barra minn hekk, kif ingħad diġa', is-sempliċi fatt illi stqarrija tista' ma tkunx korretta jew konformi mal-verita', ma jfissirx illi hija wkoll diffamatorja għaliex, kf diġa' ngħad qabel, biex stqarrija titqies li hija diffamatorja skont il-liġi trid mhux biss tnissel imputazzjoni fir-rigward tal-persuna aggravata nnifisha, iżda trid ukoll tikkaġuna jew titqies bħala kapaċi li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-istess persuna aggravate, u kif stabbilit, fir-rigward ta' Paul Calleja, Lucianne Calleja u Elaine Calleja ma saru ebda imputazzjonijiet ta' natura diffamatorja.

L-azzjoni għall-malafama għandha tfalli jekk ma jintweriex illi l-konvenuta permezz tal-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet tagħha, għamlet imputazzjonijiet li jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi u għalhekk, konformement mal-premess, l-azzjoni għal malafama safejn saret minn Paul Calleja, Lucianne Schembri u Elaine Carabott, ma tistax tirnexxi.

In konklużjoni, u b'riferenza għall-filmat li jifforma parti integrali mill-pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku www.one.com.mt flimkien mal-kitba fl-artikolu u r-ritratt tal-konvenuta Melanie Calleja, il-Qorti tosserva li ma ġiex ippruvat kif imiss li kienet Melanie Calleja li għażlet il-filmat b'xeni ta' vjolenza domestika biex dan jiġi pubblikat flimkien mal-intervista, jew li kienet tat il-kunsens tagħha biex l-intervista tiġi akkumpajnata mill-filmat in diżamina. Ħadd ma xehed minn One News biex jikkonferma jekk Melanie Caleja approvatx il-pubbikazzjoni fil-forma li ġiet imxandra

fuq is-sit elettroniku ta' One News jew jekk kienet approvat biss il-pubblikazzjoni tal-intervista u kollox jindika li l-pubblikazzjoni kienet imħejjija mill-editur tas-sit elettroniku jew mill-awtur tal-artikolu (Colin Deguara). Għaldaqstant, kwalsiasi imputazzjonijiet li jitnisslu speċifikatament u unikament mill-filmat m'humiex azzjonabbli fil-konfront tal-konvenuta bħala l-awtriċi tal-pubblikazzjoni sħiħa, għaliex dawn kellhom iwieġbu għalihom il-persuni li ħadu d-deċiżjonijiet editorjali dwar il-forma u l-kontenut tal-pubblikazzjoni tal-artikolu.

Ikkunsidrat;

Stabbilit li l-istqarrijiet tal-konvenuta pubblikati fuq is-siti elettroniċi ta' Lovin Malta u One News, iwasslu imputazzjonijiet ta' vjolenza domestika li fihom infushom huma kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni ta' Antonia Calleja ad esklużjoni ta' xi ħaddieħor mill-atturi, jeħtieġ li jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet li ġew sollevati mill-konvenuta.

Fit-tielet eċċezzjoni, il-konvenuta saħqet li l-istqarrijiet m'humiex foloz. Dan ifisser li l-istqarrijiet impunjati huma veritieri u għall-Qorti difiża bħal din għandha tittieħed neċessarjament bħala waħda tal-verita' tal-fatti kif maħsub fl-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ('l-Att').

Dan jiddisponi:-

> *(1)(a) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-imputazzjoni li tkun saret bi stqarrijiet li dwarhom sar l-ilment huma sostanzjalment veri;*
>
> *(b) Meta stqarrijiet li dwarhom ikun sar l-ilment iwasslu għal żewġ imputazzjonijiet jew aktar, jekk ma jiġix muri li waħda jew aktar mill-imputazzjonijiet tkun sostanzjalment vera, id-difiża taħt dan l-artikolu ma taqax jekk, wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-imputazzjonijiet li jiġu murija li*

*huma sostanzjalment veri, l-imputazzjonijiet li ma jiġux murija li huma sostanzjalment veri ma jikkawżawx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.*

Il-Qorti tosserva madankollu, illi d-difiza tal-verita' hija, skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) tal-artikolu 4 tal-Att, disponibbli biss meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika u fi kwalsiasi każ, anke fejn il-persuna aggravata tkun persuna pubblika, il-verità dwar il-materji li għalihom issir l-akkuża ma jistgħux jiġu investigati jekk, *inter alia*, dawk il-materji jirreferu għall-ħajja privata tal-persuna aggravata.

**Iżda, għalkemm huwa eskluż mill-atti u mill-provi proċesswali illi l-attriċi Antonia Calleja hija persuna pubblika fit-termini tal-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 4(5) tal-Att u għalhekk mad-daqqa t'għajn jidher li l-Qorti hija prekluża milli tinvestiga l-verita' tal-imputazzjonijiet malafamanti, fil-każ in diżamina, li jittratta każ infeliċi ferm fejn ir-relazzjoni ta' omm u bint ġiet imħassra minħabba allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika u l-partijiet spiċċaw jattakkaw ir-reputazzjoni ta' xulxin fil-pubbliku u issa wkoll quddiem il-Qorti b'azzjonijiet reċiproċi ta' libell, tħoss illi l-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika jeħtieġu li jiġu determinati darba għal dejjem b'deċiżjoni fil-mertu dwar il-verita' o meno tal-allegazzjonijiet, biex b'deċiżjoni li tistabbilixxi l-fatti, jista' jitwitta t-triq għal proċess ta' fejqan u rikonċiljazzjoni fejn il-partijiet, sfortunatament, kienu mill-ewwel eskludew il-possibbilita' li jipparteċipaw fi process ta' medjazzjoni bil-għan li jilħqu ftehim għar-riżoluzzjoni tal-vertenza. Illum, wara kważi ħames snin ta' smigħ ta' provi u xhieda miġjuba miż-żewġ partijiet tabilħaqq biex jipprovaw il-verita' tal-verżjoni rispettiva tagħhom dwar l-allegazzjoni tal-vjolenza domestika, il-Qorti tħoss li biex tagħmel ġustizzja mal-partijiet, jixraq li tippermetti t-tqanqil tad-difiża tal-verita' anke għaliex hija sodisfatta li t-tqanqil tagħha fiċ-ċirkostanzi huwa meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'mod xieraq.**

Konformement ma' dan, sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tas-subartikolu (5) tal-artikolu 4 tal-Att li jiddisponi:-

*Iżda wkoll,* ***minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu****, id-difiżi msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jistgħu jitqajmu fejn il-materja msemmija hija materja ta' interess pubbliku ġenerali jew fejn il-persuna aggravata, għad li ma tkunx persuna pubblika tkun involuta f'materja ta' interess pubbliku, jew fejn wara li tqis kif jixraq iċ-ċirkostanzi kollha tat-talba l-Qorti tkun sodisfatta li t-tqanqil ta' dawk id-difiżi jkun meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'mod xieraq.*

B'żieda mal-premess għandu jingħad ukoll li l-Att jippermetti deroga ulterjuri għar-regola li d-difiża tal-verita' mhijiex applikabbli fejn il-persuna aggravata mhijiex persuna pubblika u fejn -imputazzjonijiet jittrattaw il-ħajja privata tagħha, u dan permezz tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) tal-artikolu 4 tal-Att, li jirrikonoxxi kwalunkwe difiża oħra li tista' twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni għal malafama. Dan jipprovdi:

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, fi kwalunkwe azzjoni ta' malafama taħt dan l-Att, il-konvenut għandu d-dritt li jissottometti bħala difiża kull raġuni għall-mitigazzjoni ta' danni kif ukoll kwalunkwe talba li, jekk tiġi aċċettata, twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni u l-konvenut jista' jissottometti talbiet li l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti u li l-fatti msemmija huma veri u, jew li kwalunkwe opinjoni espressa hija opinjoni onesta. Is-sottomissjoni ta' talba bħal din ma teskludix oħra awtomatikament.*

Għalkemm huwa minnu li din id-dispożizzjoni legali tapplika bla ħsara għar-regola taħt l-artikolu 4(5) tal-Att, il-Qorti hija tal-fehma konvinta illi ma hemm xejn li jipprekludi l-applikazzjoni tagħha f'każ fejn tkun sodisfatta – bħalma hija fil-każ in diżamina - bl-applikazzjoni fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 4(5) tal-Att. Għaldaqstant, sejra tippermetti u tieħu konjizzjoni tas-sottomissjoni tal-konvenuta li l-fatti allegati minnha m'humiex foloz u

li jirrappreżentaw il-verita' u sejra konsegwentement tistħarreġ id-difiża tal-konvenuta taħt l-ottika tal-artikolu 4(1) tal-Att.

Stabbilit dan, il-Qorti tibda biex tosserva illi l-istqarrijiet dwar id-diversi episodji u manifestazzjonijiet tal-vjolenza domestika mwettaq minn Antonia Calleja, u l-imputazzjoni li Melanie Calleja kienet il-vittma ta' din il-vjolenza domestika, huma evidentement ta' natura fattwali u ma jikkostitwixxux l-espressjoni ta' fehma jew xi *value judgement* tal-konvenuta u għalhekk, stħarriġ dwar il-verita' o meno tal-istqarrijiet tista' ssir mingħajr wisq diffikolta'. Dan qed jingħad għaliex huwa ferm iktar faċli li jiġi stabbilit il-verita' ta' fatt milli l-verita' ta' opinjoni jew value judgement. Tant hu hekk illi l-Att jaħseb f'difiża *ad hoc* opponibbli għal stqarrijiet li jikkonsistu fi stqarrijiet jew espressjonijiet ta' opinjoni diversament u ad esklużjoni ta' stqarrijiet ta' fatt: id-difiża tal-opinjoni onesta maħsuba fis-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Att.

Għas-suċċess tad-difiża tal-verita' mhux meħtieġ li kull kelma ppubblikata hija vera iżda dak li huwa meħtieġ hu li jiġi stabbilit il-verita' sostanzjali tal-essenza tal-malafama.

Blackstone, fir-rigward, jgħid hekk:-

"*... a defendant was not required to prove the literal truth of every statement complained of: it was enough to establish the essential or substantial truth of the central defamatory 'sting' of the words. Thus a plea of justification*[19] *could success even if other, immaterial detasils in the offending statement were not proved to be true.*"[20]

---

[19] Kif kienet magħrufa din id-difiża qabel id-daħla fis-seħħ tad-Defamation Act, 2013 u l-leġislazzjoni korrispondenti domestika, fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 579.

[20] ***Blackstone's Guide to the Defamation Act***, 2013 (Oxford University Press), 3.02, p. 28.
Skont Gately *ibid.*: "*The requirement that the defendant need prove only the substantial truth of what has been published entails that a defence of truth may succeed even though the publication was inaccurate in a number of respects. If the defendant can prove that the main charge or gist of the libel is true, a light inaccuracy in one or more of its details will not prevent him from succeeding in a defence of truth.*"

Il-prinċipji li huma relevanti u applikabbli għall-fini tat-tifsira tal-frażi "*imputazzjoni ... sostanzjalment ver*(a)" fl-artikolu 4(1) tal-Att, huma l-istess prinċipji li kienu relevanti għad-difiża tal-ġustifikazzjoni li kienet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att. Dawn il-prinċipji ġew sintetizzati hekk per Nicklin J fid-deċiżjoni reċenti **f'Bokova v Associated Newspapers Ltd** [2018] EWHC 2032 (QB), [2019] QB 861, [28]:-

*"(i) A defendant must show the relevant defamatory imputation is "substantially true": section 2(1). The Explanatory Notes to the Act refer to the Court of Appeal's decision in Chase v News Group Newspapers Ltd [2003] EMLR 11, para 34: 'the defendant ... has to establish the 'essential' or 'substantial' truth of the sting of the libel. To prove the truth of some lesser defamatory meaning does not provide a complete defence.'*
*(ii) The court should not be too literal in its approach. Proof of every detail is not required where the relevant fact is not essential to the sting of the publication: Rothschild v Associated Newspapers Ltd [2013] EMLR 18, para 17, per Laws LJ (approving Turcu v News Group Newspapers Ltd [2005] EWHC 799 (QB) at [109], per Eady J). The task is 'to isolate the essential core of the libel and not be distracted by inaccuracies around the edge – however extensive": Turcu's case, para 105*[21]*.*"

Imbagħad, f'deċiżjoni iktar reċenti, **Riley v Murray** [2021] EWHC 3437 (QB), [2022] EMLR 8 at [51] ġie wkoll riaffermat is-segwenti prinċipju:-

"*... In deciding whether any given defamatory imputation is substantially true, the court will have well in mind the requirement to allow for exaggeration, at the margins, and have regard in that context also to proportionality. Having regard to its overall gravity and the relative significance of any elements of inaccuracy or exaggeration, has the substantial sting been proved?...*"

[21] Fid-deċiżjoni **Turcu v. News Group Newspapers Ltd** (2005) EWHC 799 (QB) at 111 rikonoxxiet illi l-pubblikatur jista' jiġi konċess ċertu qies ta' esaġerazzjoni anke fil-kuntest ta' asserzjonijiet fattwali.

Kif stabbilit diġa', l-imputazzjoni malafamanti identifikat fiż-żewġ pubblikazzjonijiet impunjati f'din il-kawża, tikkonsisti fl-allegazzjoni li l-attriċi Antonia Calleja kienet sistematikament vjolenti fil-konfront ta' bintha. Dan billi kienet issawwatha, tbenġiliha u tweġġagħha, u f'istanza partikolari manifestat ukoll ix-xewqa li toqtolha. Kif taraha l-Qorti, il-qofol tal-malafama jinsab fl-allegazzjoni tal-vjolenza domestika *ut sic*. Għalhekk, ma tqisx li biex tirnexxi fid-difiża tagħha il-konvenuta trid tipprova l-verita' ta' <u>kull</u> allegazjzoni dwar <u>kull</u> episodju ta' vjolenza domestika msemmi fil-pubblikazzjonijiet impunjati, għaliex dawn m'humiex distinti mill-imputazzjoni tal-vjolenza domestika iżda parti integrali minnha: huwa biżżejjed li jiġi ppruvat is-sostanza tal-imputazzjoni, ċioe' l-vjolenza domestika. Kunċett li huwa definit hekk fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika (Kap. 581):-

*"vjolenza domestika" tfisser l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima.*

Ikkunsidrat;

Fil-qosor, it-teżi tal-attriċi hi li minn mindu kien għad kellha madwar ħames snin għexet ħajja infeliċi u mimlija biża' bħala vittma ta' vjolenza domestika, fejn sofriet abbuż sistematiku konsistenti fi swat, inkluż daqqiet bil-lasta tal-ixkupa ġol-istonku tagħha u tiġbid tax-xagħar. Identifikat lil ommha Antonia Calleja bħala l-awtur prinċipali tal-vjolenza domestika u in sostenn ta' dan, għamlet riferenza għall-proċeduri kriminali li kienu ttieħdu fil-konfront ta' ommha fuq rapport li Melanie Calleja stess kienet għamlet lill-Pulizija fis-6 ta' Frar 2018. Dan ir-rapport kien jikkonċerna incident li kien seħħ fit-3 ta' Jannar 2018 meta ilaqgħet ma' ommha u

missierha, fil-presenza ta' Moira Aquilina u Joseph Aquilina, ġewwa l-Imġarr biex jipprovaw jirranġaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Ommha kienet ammettiet għall-akkużi dwar theddid u inġurji u kienet tpoġġiet taħt Ordni ta' Trattament biex tingħata għajnuna psikoloġika u kien inħareġ ukoll fil-konfront tal-istess ommha, Ordni ta' Trażżin għal tliet snin għall-protezzjoni tas-sigurta' tagħha.

L-attriċi, Melanie Calleja, kienet telqet mid-dar tal-ġenituri tagħha fil-11 ta' Ottubru 2015 meta kellha dsatax-il sena, wara li allegatament qalgħet xebgħa oħra mingħand ommha fi stadju meta r-relazzjoni ma' ommha kienet iddeterjorat tant illi ddeskrivietha bħala insapportabbli u ma setgħetx, allegatament, tkompli tgħix fid-dar tal-familja. Xehdet[22] illi dakinhar li telqet mid-dar, ommha kienet qabditha minn xagħarha u sawtitha u ħeġġet ukoll lil oħtha l-kbira biex joqtluha, u flimkien bdew iqattgħulha l-ħwejjeġ b'imqass.

Xehdet ukoll speċifikatament dwar episodju ieħor fejn ommha kienet daħħlet lilha u lil oħtha Elaine fil-kamra fejn kellhom il-pjanu u l-kompjuter, u tathom bil-lasta tal-ixkupa ġol-istonku; dan kollu għaliex hi kienet qabżet għal oħtha l-oħra li kienet ukoll qiegħda tiġi msawta minn ommhom. B'riżultat ta' din ix-xebgħa, ġarrbet marki fuq ġisimha bil-lasta tal-ixkupa.

L-attriċi ssostni li għadha qed tbati l-konsegwenzi tal-vjolenza domestika sal-lum, u qatt ma qalet xejn għaliex ipprovat taħbi "*l-ħażen ta' ħaddieħor*" biex tipproteġi lil ommha u ma ddaħħalhiex fl-inkwiet. Kemm hu hekk, l-ewwel darba li kixfet lil xi ħadd li kienet taqla' s-swat mingħand ommha, kien lill-għarus tagħha Dalton Aquilina meta kienet qalgħet xebgħa u telqet mid-dar fil-11 ta' Ottubru 2015, u lit-tabiba fiċ-Ċentru tas-Saħħa, meta qaltilha li waqgħet it-taraġ iżda ma emmnithiex[23].

Fix-xhieda tagħha fissret hekk: "*Meta tikber f'ċertu tip ta' ambjent inti tidra, taċċetta. Speċjalment kont ta' eta' żgħira jiena għalija kienet xi ħaġa normali li ommi*

---

[22] Xhieda tas-16 ta' Novembru 2020.

[23] Qalet ukoll li t-tabiba kienet ċemplet għall-Pulizija.

*ssawwatni jekk ma tmurx xi ħaġa kif trid hi, jekk immur ħażin f'xi eżami jew xi ħaġa mhux kif togħġob lilha, jien kont drajt naqla' u allura drajt naddatta lili nnifsi għas-sitwazzjonijiet ...*"[24].

Min-naħa tagħhom, quddiem il-Qorti, il-konvenuti Calleja jiċħdu kategorikament li Melanie Calleja kienet tiġi msawta jew kienet il-vittma ta' vjolenza domestika u jinnegaw ukoll li fid-dar tagħhom kien iseħħ xi xorta ta' abbuż jew vjolenza domestika. Speċifikatament ċaħdu li Antonia Calleja jew Lucianne Schembri kienu aggredew li Melanie u sawtuha fil-11 ta' Ottubru 2015 meta telqet mid-dar. Huma jagħtu verżjoni kompletament differenti dwar dak li seħħ dakinhar iżda ma jiċħdux illi dakinhar kien seħħ argument bil-ġlied u ma jikkontestawx lanqas illi Melanie telqet mid-dar wara dak l-argoment u qatt ma reġgħet marret tgħix magħhom. Jaqblu wkoll li waqt dan l-episodju, Joe Aquilina, missier l-għarus ta' Melanie dak iż-żmien, kien ċempel lil missier Melanie, Paul Calleja. Madankollu, il-konvenuti jsostnu illi waqt dan l-argoment, li kien beda għaliex Melanie riedet tmur tiekol għand l-għarus tagħha, Melanie bdiet issabbat bil-ponn fuq il-mejda, tgħajjat b'mod esaġerat f'wiċċ ommha u missierha u tgħid li riedet titlaq mid-dar. Saħqu wkoll li Melanie bdiet iddur mad-dar taqla' l-ħwejjeġ minn ġol-kxaxen u tieħu affarijiet li kienu ta' ħutha u mhux tagħha, u f'ħin minnhom kienet ħebbet għal ommha billi qabditilha xagħarha u bdiet tagħti bil-ponn fuq sidirha u għawġitilha idejha lura biex ma teħodhilhiex il-hard disk li ma kienx tagħha iżda riedet tieħdu magħha. Ġie allegat li Antonia Calleja bdiet tibki bl-uġigħ li kellha f'idha u dak il-ħin kienet indaħlet biex tferraqhom Lucianne Calleja iżda qalgħet daqqiet bis-sieq u bil-ponn mingħand oħtha[25]. Il-konvenuti saħqu wkoll li Melanie bdiet ukoll twiddibhom biex joqogħdu attenti għaliex dak li jgħidu kienet ser tużah kontrihom fil-qorti.

Ikkunsidrat;

---

[24] Kontro-ezami Melanie Calleja, 6 ta' Novembru 2023 u 20 ta' Novembru 2023.

[25] Ara ritratti Dok. LS1 tal-ġrieħi li sostniet Lucianne Calleja allegatament waqt l-inċident tal-11 ta' Ottubru 2015.

Illi l-Qorti fliet l-atti u l-provi u kellha l-opportunita' tara u tisma' lill-partijiet jixhdu quddiemha fuq il-pedana tax-xhieda.

Tibda biex tosserva illi l-verżjoni ta' Melanie Calleja dwar l-eventi tal-11 ta' Ottubru 2015 u partikolarment l-episodju tas-swat li qalgħet minn ommha, tinsab dokumentata fir-rapport tal-okkorrenza esebit fl-atti, u hija wkoll konsistenti mal-verżjoni li xehdet dwarha quddiem il-Qorti. Din il-verżjoni hija ulterjorment sostanzjata u korroborata mhux biss miċ-ċertifikat mediku li ġie rilaxxat minn Dr. Thea Chetcuti biss ftit sigħat wara l-inċident fejn ġew iddokumentati l-ġrieħi kollha riskontrati fuq ġisimha[26], iżda fuq kollox mix-xhieda ta' Moira Aquilina li xehdet illi fil-11 ta' Ottubru 2015 Melanie kienet id-dar tagħhom meta irċeviet telefonata mingħand il-ġenituri tagħha għaliex rieduha tmur lejn id-dar. It-tifel tagħha, Dalton, li dak iż-żmien kien l-għarus ta' Melanie, kien wassalha d-dar u wara ftit Melanie bdiet tibgħatlu messaġġi li kienet qed tiġi msawta minn ommha u minn oħtha. Għalhekk dak il-ħin, żewġha Joseph Aquilina ċempel lil missier Melanie, Paul Calleja u mit-telefon setgħet tisma' ħafna għajjat u biki. Semgħet lil Paul Calleja jgħid ukoll li jekk Melanie trid titlaq mid-dar, setgħet titlaq. Ftit wara, Melanie reġgħet ċemplet lil Dalton u qaltlu li kien irnexxhielha taħrab u kienu sabuha fit-triq bejn il-Mellieħa u l-Imġarr. Ħaduha d-dar tagħhom u rat li Melanie kienet mimlija daqqiet, b'gundalla ġo rasha, daqqa f'imniħirha, grif, demm, u kellha xagħarha kollu mqanfed, iżda ma kienx qiegħda f'dak l-istat meta telqet mid-dar tagħhom madwar sagħtejn qabel. Minn hemmhekk, kienu ħadu lil Melanie il-Polyclinic u minħabba d-daqqiet li kienet ġarrbet, ġew il-Pulizija u sar rapport[27]. Moira Aquilina kkonfermat li Melanie kienet "*imwerwra minnhom*"[28], b'riferenza għal ommha u l-familja tagħha, kienet għaddiet minn trawma u minn dakinhar kienu żammewha magħhom iżda "*baqgħet bi trawma kbira*". Il-ġrieħi kollha li ġew deskritti minn Moira Aquilina li huma kompatibbli wkoll ma' dawk deskritti fiċ-ċertifikat rilaxxat mit-tabiba li eżaminat lil Melanie fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta wara li telqet mid-dar tal-ġenituri tagħha.

---

[26] Paġna 103 tal-atti tal-kawża Rikors numru 30/2020.

[27] Rapport NPS 9/T 2298/2015 – Dok. SM2. L-imputati Tania Calleja u Lucianne Calleja ġew liberati wara li l-kwerela ġiet irtirata.

[28] Kontro-eżami ta' Moira Aquilina.

Moira Aquilina xehdet: "*... batejna magħha ħafna …*"[29] Fissret ukoll: "*Anke kif tisma', darba minnhom konna qegħdin x'imkien u semgħet tnejn jiġġieldu, panic taqbad tibki, tingħalaq weħidha, trid titlaq għax tibża'. Taqbadha ansjeta' kbira ... Fil-bidu kienet even torqod mal-art wara l-dan għax kienet tibża' li ġejjin jagħmulna xi ħaġa d-dar"*[30]. Melanie baqgħet tgħix fid-dar tagħhom il-Mellieħa u qatt ma kellhom problemi magħha u Moira Aquilina kkonfermat illi qatt ma reġgħet marret lura tgħix mal-ġenituri tagħha jew kellha xi kuntatt magħhom.

Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tosservax illi fiż-żmien meta xehdet quddiem il-Qorti Moira Aquilina, ir-relazzjoni bejn binha Dalton u Melanie Calleja kienet ilha li ntemmet xi sena qabel u minkejja li Melanie kienet għaddiet lill-familja Aquilina minn ftit inkwiet minħabba li kellhom jgħixu bl-effetti li t-trawma tal-abbuż domestiku ħalliet fuq Melanie, inkluż l-episodju meta kienet telqet minn darhom wara argument li kellha ma' Dalton u kellha tiġi ammessa l-Isptar Mount Carmel għall-osservazzjoni, huma xorta waħda kienu pprovaw jgħinu biex iseħħ rikonċiljazzjoni bejn Melanie u l-familja tagħha. Miżmum ferm dan kollu, ma jirriżultax li oġġettivament Moira Aquilina kienet motivata biex bix-xhieda tagħha taġevola l-interessi ta' Melanie Calleja.

Għall-Qorti huwa wkoll ferm sinjifikanti illi minkejja li Lucianne Schembri xehdet, b'rabta mal-inċident li seħħ fil-11 ta' Ottubru 2015, li hi u ommha "*tajna l-verżjoni tagħna* (lill-Pulizija) *għax il-verżjoni ta' Melanie ma kienx jirrifletti dak li ġara fid-dar*"[31], jirriżulta li huma mhux biss kienu marru l-Għassa tal-Pulizija għaliex il-Pulizija bagħtu għalihom fil-11 ta' Ottubru 2015 biex jagħtu l-verżjoni tagħhom dwar l-inċident li ġie rapportat minn Melanie ftit qabel, iżda wkoll illi ma kienu semmew xejn dwar l-attakk fiżiku li xehdu dwaru quddiem il-Qorti fejn Melanie suppost sawtithom u kaġunatilhom il-ġrieħi waqt l-inċident li seħħ fil-11 ta' Ottubru 2015.

---

[29] *Ibid.*
[30] Ara kontro-eżami ta' Moira Aquilina. Ikkonfermat ukoll illi meta kienet targomenta ma' Dalton, Melanie "*kienet tippanikja u trid titlaq waħedha*".
[31] Xhieda ta' Lucianne Schembri, 23 ta' Mejju 2022.

Fil-fatt, ġie rapportat biss li Melanie "*kienet ipprovat tħebb għal ommha*" matul l-inċident. Mhux talli hekk, talli Lucianne Schembri u Antonia Calleja baqgħu ma semmew xejn dwar dan l-allegat swat meta fis-27 ta' Ottubru 2015 reġgħu marru jirrapportaw lill-Pulizija dak li kien seħħ fil-15 ta' Ottubru 2015, fejn allegaw li Melanie Calleja kienet marret id-dar tagħhom biex tiġbor xi affarijiet oħra u qabel telqet mir-residenza lil oħtha Lucianne qaltilha l-kliem "*apposta għamilt hekk biex intellfek il-warrant*" u lil missierha hedditu bil-kliem "*lilek ħa noqgħod nivvendikak bit-theddid*".

Illi l-akkużi li nħarġu fil-konfront ta' Melanie Calleja evidentement kellhom x'jaqsmu jew mal-allegazzjoni fil-verżjoni ta' Antonia Calleja u Lucianne Schembri li Melanie ppruvat tħebb għal ommha u ipprovat tieħu hard disk u ħwejjeġ oħrajn waqt l-inċident li seħħ fil-11 ta' Ottubru 2015, u / jew mar-rapport li kien sar minn Antonia Calleja u Lucianne Schembri (ġia' Calleja) fis-27 ta' Ottubru 2015 (imniżżel bħala aġġornament fir-rapport 9/T 2298/2015) fejn irrapportaw it-theddid li ġie indirizzat fil-konfront ta' Lucianne Calleja. Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha wara li analizzat ir-rapporti tal-Pulizija u d-dokumenti dwar il-proċeduri kriminali relattivi u għaliex, kif diġa' ngħad qabel, minn imkien ma jirriżulta li Antonia Calleja u Lucianne Schembri qatt irrapportaw li Melanie Calleja kienet sawtithom u kkaġunatilhom xi offiżi la fl-inċident tal-11 ta' Ottubru 2015 u lanqas f'xi incident sussegwenti.

Il-Qorti teskludi li l-atturi għażlu li ma jirrapportawx li Melanie Calleja kienet aggrediethom u weġġgħethom għaliex ma riedux ikabbru l-istorju jew jaggravaw is-sitwazzjoni għal Melanie nnifisha, għaliex fl-istess ħin Antonia Calleja u Lucianne Schembri ma kellhom ebda riżervi biex jagħmlu rapport ulterjuri fil-konfront ta' Melanie Calleja dwar allegat theddid li għamlet fil-konfront tagħhom meta marret tiġbor xi ħwejjeġ mid-dar tal-ġenituri tagħha fil-15 ta' Jannar 2015.

In kwantu r-ritratti esebiti minn Lucianne Schembri bħala ritratti tal-ġrieħi li sofriet meta marret iżżomm lil Melanie mill tħebb għal ommhom, ma hemm xejn x'juri li t-tbenġil li jidher fuq ġisimha ġie kkaġunat waqt l-inċident tal-11 ta' Ottubru 2015 u li r-

ritratti ttieħdu fiż-żmien rilevanti. Kemm hu hekk, jidher li dawn ir-ritratti feġġew għall-ewwel darba matul il-proċeduri odjerni, għalkemm, skont kif xehdet Lucianne Schembri, dawn suppost kienu diġa' ttieħdu meta marret flimkien ma' ommha biex tirrapporta lil Melanie Calleja fis-27 ta' Ottubru 2015 b'aġġornament mal-verżjoni oriġinali tagħhom mogħtija lill-Pulizija fil-11 ta' Ottubru 2015 (9/T 2298/2015)[32]. Barra minn hekk, Lucianne Schembri u Antonia Calleja ma dehrilhomx li kellhom ifittxu kura għall-ġrieħi li allegatament ġarrbu waqt l-imsemmi incident, minkejja li ġie allegat fix-xhieda li Antonia Calleja spiċċat tibki bl-uġigħ f'idha minħabba li Melanie għawġitilha lura meta kienet taf li ommha kienet tbati sistematikament b'uġigħ f'idejha. Kieku tassew Melanie Calleja weġġgħet lil ommha, il-Qorti tistenna li tara ċertifikat mediku li jikkostata xi xejra ta' offiża f'idejn ommha jew talanqas xi prova li ommha ħadet il-kura għall-uġigħ in segwitu għall-inċident. Iżda mir-records mediċi tal-Isptar, esebiti minn Antonia Calleja nnifisha (Dok. AC4) ma jirriżutax li marret tfittex xi kura minkejja li jirriżulta li tassew kienet tbati b'uġigħ f'idejha[33]. Ukoll, ir-ritratt tagħha b'girfa fuq sidirha, wieħed fost diversi ritratti mmarkati komplessivament Dok. AC3, ma jurix id-data meta ttieħed u Antonia Calleja ma qalet xejn dwaru fix-xhieda tagħha minkejja li, kif ingħad diġa', hija ma kellhiex riżervi li tiċħad bil-qawwa li ħebbet għal Melanie u li takkużaha li ppruvat tħebb għalihom u tieħu hard-drive mid-dar u ftit tal-jiem wara, tirrapporta wkoll lil bintha għaliex allegatament heddhet lil missierha

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi Lucianne Schembri fix-xhieda tagħha ddikjarat li peress li hija daħlet bejn ommha u Melanie biex tipprova tferraqhom, il-ġrieħi li ġarrbet minħabba d-daqqiet ta' ponn u sieq li qalgħet mingħad Melanie, kienu kollha fuq naħa waħda biss ta' ġisimha ċioe' fuq in-naħa fejn kien hemm Melanie. Iżda l-Qorti ma tqisx li din il-verżjoni hija verosimili jew realistika meta wieħed jiftakar illi fil-verżjoni tagħhom lill-Pulizija, Antonia Calleja u Lucianne Schembri

---

[32] Dan jingħad ukoll li r-ritratt ta' isfel f'Dok. LS1 (paġna 132) ma jidhirx li huwa ritratt meħud fl-istess okkażjoni u l-wiċċ tal-persuna ma jidhrix fir-ritratt.

[33] B'mod speċifiku, mhux minnu li f'Ottubru stess Antonia Calleja spiċċat l-Isptar għaliex min-notamenti fil-file mediku tagħha tal-Isptar Mater Dei ma hemm ebda notament li juri illi kienet ġiet ammesa għall-kura fl-istess Sptar (ara paġna 612 tal-atti tal-kawża Rikors Nmru 39/2020 – kontro-eżami ta' Antonia Calleja).

f'ebda waqt ma semmew li ġew aggrediti minn Melanie Calleja u lanqas li Lucianne kienet daħlet bejniethom biex tferraq u semmew dan kollu biss fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti. Fi kwalsiasi każ, dawn l-allegazzjonijiet anke jekk għal mument kellhom jiġu emnuti, ma jeskludux u lanqas inaqqsu sostanzjalment mill-veraċita' tal-verżjoni ta' Melanie Calleja li ommha u oħtha kienu sawtuha.

Barra minn hekk, l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lucianne Schembri[34] fix-xhieda tagħha għall-ferita li oħtha Melanie ġarrbet fl-għadma ta' imnieħirha - ċioe' għaliex laqtet imnieħirha mal-wiċċ tal-kredenza meta tbaxxiet biex tiġbor xi kazetti li kienu waqgħulha minn idjeha - m'hi xejn realistika jew kredibbli.

Dan kollu b'kuntrast max-xhieda ta' Melanie Calleja li hija mhux biss sorretta mix-xhieda ta' Moira Aquilina iżda hija pjenament konsistenti mal-verżjoni li kienet rapportat *a tempor vergine* lill-Pulizija b'rabta mal-inċident tal-11 ta' Ottubru 2015.

Magħdud ma' dan il-fatt illi għalkemm Melanie qatt ma marret lura tgħix mal-familja tagħha wara li kienet telqet mid-dar fil-11 ta' Ottubru 2015, in segwitu seħħew iktar episodji li jkomplu jikkonvinċu lill-Qorti li l-inċident tal-11 ta' Ottubru 2015 kien manifestazzjoni waħda, għad illi qalila, ta' abbuż li kien iseħħ sistematikament. Konferma ta' dan huwa l-fatt illi Antonia Calleja kienet ammettiet il-ħtija tagħha għall-akkużi ta' inġurja u theddid fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tagħha abbażi tar-rapport bin-numru 9/T 322/2015 datat 6 ta' Frar 2018, theddid li jiddimostra mhux biss relazzjoni li kienet miksura irrimedjabbilment, iżda huwa wkoll kompatibbli mal-verżjoni ta' Melanie Calleja dwar vjolenza morali li kienet vittma tagħha fil-passat. Evidentement, il-Qorti ħasset il-ħtieġa fiċ-ċirkostanzi li tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' Antonia Calleja għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Melanie Calleja, kif ukoll Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-istess Antonia Calleja biex tingħata għajnuna psikoloġika – ordnijiet li qatt ma jinħarġu b'mod leġġer mill-qrati tagħna u bla dubju f'dak il-każ il-qorti jidher li fehmet u apprezzat li kien hemm sfond problematiku li minħabba fih Melanie Caleja kien jeħtiġilha protezzjoni

[34] Ara wkoll Affidavits ta' Elaine Carabott u Antonia Calleja.

minn ommha. Dan kollu huwa sintomatiku ta' problemi domestiċi ferm iktar profondi minn sempliċi episodju ta' theddid.

Hemm qbil ukoll li Melanie kif ukoll ommha u kif ukoll ħutha, għall-ħabta ta' Jannar 2017, bdew jattendu għal sessjonijiet ma' psikologa Dr. Rose Galea bl-intervent taz-zija tagħhom, liema sessjonijiet kienu jitħallsu minn Antonia Calleja u Paul Calleja ad insaputa ta' binthom. Għall-Qorti dan ikompli jsaħħaħ il-konvinċiment tagħha li r-relazzjoni kienet iddanneġġjata b'mod li jmur lil hinn minn episodju wieħed iżolat jew sempliċi karattru diffiċli u ribelluż tal-bint, liema xejra ta' karattru f'kull każ mhux eskluż li seta' żviluppat minn esperjenzi negattivi jew trawmatiċi.

Lucianne Calleja tistqarr li huwa minnu li Melanie kienet tilbes ħwejjeġ bil-komma twila fis-sajf iżda sostniet li dan kienet tagħmlu għaliex kienet tħoss il-bard. Tistqarr ukoll li mhux l-ewwel darba li Melanie kienet ħarbet mid-dar u darba minnhom kienet ħarbet mid-dar tal-għarus tagħha Dalton u marret biex taqbeż minn fuq ix-xifer tal-Aħrax tal-Mellieħa u l-familja kienu marru jagħmlu rapport dwar dan lill-Pulizija. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu huwa kompatibbli mal-verżjoni ta' Melanie Calleja stess li kienet wara li kienet telqet mid-dar ta' ommha "*all I wanted to do was end my life and I tried more than once*", u wkoll mal-verżjoni ta' Moira Aquilina li Melanie kienet għaddiet minn trawma u baqgħet taħt l-effett ta' din it-trawma anke matul il-perijodu li damet tgħix magħhom fid-dar tagħhom.

Il-fatt li Melanie Calleja kienet telqet ukoll mid-dar tal-għarus tagħha minħabba li kellhom argument u evidentement ma riditx li tiġi lokalizzata[35], ma jfissirx li ma kienetx sofriet vjolenza domestika meta kienet tgħix ma' ommha. Il-Qorti tosserva illi fir-rapport tal-okkorrenza relattiva, Antonia Calleja stess irrapportat li hi u bintha ma għandhomx relazzjoni tajba bejniethom. Ma jirriżultax li Melanie qatt allegat li kienet ġarrbet xi vjolenza jew abbuż ukoll fid-dar tal-għarus tagħha u kollox jindika illi kienet telqet mid-dar ta' Moira Aquilina u ta' żewġha minħabba argument li kellha mal-għarus tagħha u xejn iktar minn hekk. Fil-fatt, mir-rapport jirriżulta li Melanie

[35] Ref. Inċident tat-3 ta' Jannar 2018.

rrifjutat li tkellem lill-familja tagħha meta eventwalment marret lura volontarjament fir-residenza tal-għarus tagħha. Meta kienet l-Isptar u kienet fi stat vulnerabbli ma riditx tarahom lanqas u ħassitha skomda meta oħtha, Elaine Calleja, li kienet infirmiera l-Isptar, niżlet ħdejha u bdiet tqalleb fil-file mediku tagħha. Madankollu, xejn ma jeskludi li Melanie kienet għaddejja minn sfidi psikoloġiċi u lanqas li dawn kienu xprunati wkoll minħabba xi effett tat-trawma li kienet għaddiet minnha minħabba l-abbuż domestiku li sofriet fil-passat. Hi stess ammettiet li kienet għaddejja minn żmien ħażin u li kellha problemi ta' saħħa mentali. Kif taraha l-Qorti, ma jistax jiġi eskluż li l-fatt li Melanie Calleja kellha bżonn ta' għajnuna psikoloġika kien l-effett tal-vjolenza li subiet fid-dar u ma hemm xejn lanqas x'jissuġġerixxi li Melanie ivvintat li sofriet abbuż domestiku: għall-kuntrarju, kollox jindika li r-relazzjoni ma' ommha kienet ħażina tant illi ommha ġiet ordnata tieħu trattament psikoloġiku u ġiet imrażżna milli tavviċina lil bintha.

Il-Qorti hawnhekk tħoss li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet dwar ir-riżultanzi mill-file mediku ta' Melanie Calleja tal-Isptar Mount Carmel (Dok. OB1). Tinnota illi l-ġenituri ta' Melanie Calleja kienu rrapportaw lill-psikjatri ġewwa Mount Carmel Hospital fejn Melanie kienet qed tiġi osservata wara li kellha argoment mal-għarus tagħha (3 ta' Jannar 2018) u għamlet lejl ma marritx lura fir-residenza tiegħu fejn kienet toqgħod dak iż-żmien, illi missier Dalton kien involut f'relazzjoni ma' Melanie ("*they think that Dalton's father is the real boyfriend*" u "*they believe that Dalton's father is involved*"). Dawn l-allegazzjonijiet mhux biss ma ġewx ribaditi quddiem il-Qorti fix-xhieda tal-atturi, iżda ġew ukoll imxejna mill-fatt illi Moira Aquilina lanqas qatt ġiet konfrontata mill-atturi waqt ix-xhieda tagħha, dwar l-allegat relazzjoni bejn żewġha u Melanie Calleja. Iktar minn hekk, Antonia Calleja qatt ma xehdet minn jeddha fir-rigward[36], u kien biss fil-kontro-eżami li ġiet mistoqsija dwar dan, fejn ċaħdet speċifikatament illi qalet man-nies li bintha kienet qed tiġi abbużata minn missier Dalton. Insistiet ukoll fil-kontro-eżami li hija kienet rat ħafna kunfidenzi bejn Joe Aquilina u Melanie meta ddaħħlet l-Isptar fl-4 ta' Jannar 2018 u ratu qed imissha

[36] L-attur Paul Calleja wkoll ma semma xejn dwar dan fix-xhieda tiegħu.

"*minn rasha sa irkopptejha*" fil-preżenza tagħha u ta' wlieda Lucianne u Elaine, u rat ukoll li Melanie fl-ebda ħin ma ratha tiddejjaq b'dan kollu. Madankollu, minkejja li Antonia Calleja sostniet in kontro-ezami li huma lkoll "*veru ħassejna skomdi x'ħin rajna dawn l-affarijiet*"[37], din l-allegazzjoni qatt ma saret minn ħut Melanie fix-xhieda tagħhom.

Dan kollu jagħti sostenn ulterjuri lill-verżjoni ta' Melanie Calleja li ommha xerrdet qlajjiet dwarha ma' terzi persuni – fatt ammess minn Antonia Calleja nnifisha[38] - u b'mod ġenerali, lill-verżjoni tagħha dwar l-abbuż domestiku li sofriet. Verzjoni li ġiet ulterjorment imsaħħa mill-fatt illi huwa evidenti minn qari tan-notamenti fil-file mediku ta' Melanie Calleja (Dok. OB1) li ommha u missierha pinġew stampa negattiva ferm ta' binthom, fejn ipparagunawha wkoll b'mod sfavorevoli ma' ħutha, akkużawha li għamlet rapport falz lill-Pulizija[39], u allegaw li Moira Aquilina u żewġha ma rieduhiex iktar tirrisjedi magħhom - allegazzjoni li wkoll hija kontradetta mix-xhieda u l-provi.

Fil-kwadru ta' dan kollu u mill-mod kif imxew l-atturi, il-Qorti ssibha ferm diffiċli li taċċetta li kien armonija fid-dar tal-familja Calleja u, talanqas wara li Melanie Calleja telqet mid-dar, ommha kienet imxew għall-ġid u l-aħjar interess tal-istess bintha. Il-Qorti tfakkar ukoll li l-imsemmi episodju tat-3 ta' Janar 2018 u l-ġranet ta' wara, seħħ mhux biss **<u>qabel</u>** Antonia Calleja ġiet ikkundanndata fuq l-akkużi ta' theddid u inġurji li nibtu mir-rapport 9/T 322/2018 dwar l-inċident sussegwenti li seħħ fit-3 ta' Frar 2018, iżda wkoll fi żmien meta binthom kienet l-Isptar fi stat evidentement vulnerabbli fuq livell mentali. Il-Qorti għalhekk ma tistax serenament tagħti affidabbilita' liċ-ċaħda tal-atturi li l-familja dejjem ipprovaw jersqu viċin ta' Melanie Calleja jew li għamlu minn kollox biex jerġgħu jibnu relazzjoni magħha. Fuq kollox il-Qorti kellha l-opportunita' illi tisma' lil Antonia Calleja tixhed quddiemha in kontro-eżami, u l-komportament tagħha fuq il-pedana tax-xhieda ma għamel xejn biex

---

[37] Paġna 620 tal-atti tal-kawża.

[38] Kontro-eżami ta' Antonia Calleja, paġna 621 tal-atti tal-kawża.

[39] Rapport 9/T 322/2018 – tabilħaqq huwa stabbilit illi abbażi ta' dan ir-rapport ittieħdet l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' Antonia Calleja fuq l-akkużi li reġistrat ammissjoni dwarhom fil-15 ta' Mejju 2018.

jikkonvinċiha li l-allegazzjonijiet li saru minn Melanuie Calleja m'għandhomx mis-sewwa.

In materja ta' kunflitt fil-verżjonijiet, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Inf.) fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et:-**

"*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*"

Ingħad ukoll hekk in propositu fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**[40]**:-**

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn,*

[40] Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 2003.

*flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Applikat dan l-insenjament għar-riżultanzi tal-provi u x-xhieda, hija l-fehma tal-Qorti li l-allegazzjoni li Melanie Calleja li kienet il-vittma ta' vjolenza domestika perpetrat minn ommha, hija sostanzjalment vera fuq il-preponderanza tal-provi fuq bilanċ ta' probabbilitajiet. Tirribadixxi li r-raġuni l-għala Melanie kienet tiġi msawta m'hijiex relevanti għall-Qorti għaliex fil-fehma tagħha, kull vjolenza tkun xi tkun, iktar u iktar f'ambjent domestiku, huwa kundannabbli u ħażin. Inoltre, mhux neċessarju għas-suċċess tad-difiża tal-verita', li tiġi ppruvat l-veraċita' ta' kull allegazzjoni li tifforma l-imputazzjoni iżda huwa biżżejjed li jiġi ppruvat is-sustanza tal-imputazzjoni, *the sting of the libel*, li f'dan il-każ, kif diġa' ġie stabbilit, jikkonsisti fl-imputazzjoni li Antonia Calleja kienet l-awtur ta' vjolenza domestika fil-konfront ta' bintha Melanie Calleja.

Għandu jingħad ukoll għall-kompletezza illi anke jekk għal mument kellu jingħata affidabbilita' lill-verżjoni li l-familja ta' Melanie setgħu ipprovaw iżommu l-kuntatt magħha biex jirranġaw ir-relazzjoni ta' bejniethom u dejjem xtaqu li hija tkun parti minn ħajjithom wara li telqet mid-dar, dan ma jfissirx li l-abbuż domestiku ma kienx seħħ jew li Melanie ma kienetx vittma ta' vjolenza domestika, bl-istess mod li mhux eskluż li Melanie Calleja kienet vittma ta' vjolenza domestika bis-sempliċi fatt li kienet ipparteċipat fit-tieġ ta' oħtha Lucianne Schembri kif ukoll għal festin li ġie organizzat minn ommha għall-egħluq snin tagħha u ta' oħtha t-tewmija. Wara kollox, dawn l-okkażjonijiet seħħew iktar minn sena u nofs wara li Melanie kienet telqet mid-

dar tal-familja tagħha[41]. Il-Qorti tifhem illi l-vjolenza domestika ma ġġibx neċessarjament it-tmiem ta' kull kuntatt bejn il-vittma u l-awtur u l-fatt li jsiru tentattivi għar-rikonċiljazzjoni u li tiġi manifestata x-xewqa li jintesa l-passat tal-abbuż ma jfissirx lanqas li l-vjolenza qatt ma seħħet: wara kollox, ir-rabta bejn l-omm u l-bint hija diffiċilment imħassra u prattikament indelibbli. B'żieda ma' dan il-fatt illi wara li Melanie telqet mid-dar tal-familja tagħha, ma kienx għad hemm is-suġġizzjoni tal-omm, li ma kellhiex iktar kontroll fuqha. Fil-fatt, Melanie Calleja xehdet illi wara li kienet telqet mid-dar, kienet tmur kull nhar ta' Ħadd għand il-ġenituri tagħha biex tipprova żżomm relazzjoni magħhom, iżda ma ħassitx li kien hemm rieda tajba mingħand ommha biex tirranġa r-relazzjoni tagħhom.

Kemm hu hekk, ma jirriżultax li xi ħadd mill-konvenuti pprova jwaqqaf lil Melanie milli titlaq mid-dar u minfok, jidher li kienu moħħhom biex iżommuha milli tieħu xi affarijiet minn ġod-dar. Elaine Carabott oħtha xehdet: "*wara dak kollu li għaddietna minnu Melanie, speċjalment wara dak ir-rapport falz mal-Pulizija, bdejt nibża' nagħmel kuntatt magħha u anki minħabba l-fatt li kienet qaltli li kull kelma ħa tużaha kontrina fil-qorti*"[42], u mbagħad qalet li "*minn kollox provajna nagħmlu biex ngħinuha lil Melanie*" u "*Aħna provajna dejjem, ħafna tentattivi biex nipprovaw inġibuha qrib il-familja…*"[43]. Fil-fehma tal-Qorti, dan it-ton rikonċilitorju jikkozza ħafna mar-rakkonti dwar episodji dwar komportament negattiv da parti ta' Melanie Calleja.

'Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' Melanie Calleja li l-allegazzjonijiet li saru fil-pubblikazzjonijiet, m'humiex foloz, hija tajba għaliex seħħilha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp ċivili, il-verita' sostanzjali tal-imputazzjoni tal-vjolenza domestika, li hija l-imputazzjoni ċentrali u l-unika waħda li hija kapaċi tikkaġuna ħsara sejra lir-reputazzjoni ta' Antonia Calleja. Konsegwentement, mhux meħtieġ li jiġu mistħarrġa wkoll l-eċċezzjonijiet l-oħrajn sollevati fir-Risposta.

---

[41] "*Jiena dejjem fejn rajt opportunita' li jittranġaw affarijiet, jiena dejjem aċċettajt*" – kontro-eżami ta' Melanie Calleja, paġna 519 tal-atti tal-kawża Rikors Numru 39/2020. "*Jien dejjem ippruvajt inħobbha lil ommi*" – paġna 505, kontro-ezami ta' Melanie Calleja.

[42] Paġna 221 tal-atti tal-kawża Rikors Numru 39/2020.

[43] Paġna 224 u 225 tal-atti tal-kawza Rikors Numru 39/2020.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-atturi Lucianne Schembri, Paul Calleja u Elaine Carabott għaliex il-pubblikazzjonijiet impunjati m'humiex malafamanti fir-rigward tagħhom, qiegħda, fir-rigward tal-attriċi Antonia Calleja, tilqa' t-tielet eċċezzjoni fir-Risposta ta' Melanie Calleja biss safejn hija kompatibbli ma' dak hawn deċiż, u b'hekk tiċħad ukoll it-talbiet fir-Rikors safejn saru mill-istess attriċi Antonia Calleja, bl-ispejjeż kollha jiġu sopportati mill-atturi *in solidum*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**